MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1301/2000/1

**Allied Newspapers Limited**

**Vs**

**Via Holidays & Travel Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' tlett mija u erba u tletin Liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm334.20) mill-konvenuti dovuti rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi rklami maghmula mis-socjeta' attrici fil-gazzetti 'The Times' u 'The Sunday Times' fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-4 ta' Marzu, 1999, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Is-socjeta konvenuta gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti qatt ma talbu s-servizzi li ghalihom s-socjeta' attrici qeghda tippretendi l-hlas.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghall-hlas hija preskritta skond il-ligi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mal-istess nota u guramentata minn Dottor Anton Micallef (fol 9 tal-atti), kif ukoll il-lista tax-xhieda a fol 10 ibid.

Rat in-nota tal-istess socjeta konvenuta a fol 22 tal-atti u li biha indikat li l-eccezzjoni tal-preksrizzjoni hi basata fuq l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (ara ukoll fol 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, bhala provi in konnessjoni mal-eccezzjoni in esami gew prodotti, mill-partijiet is-segwenti:-

a) Pierre Vella, il-kontrollur finanzjarju tas-socjeta' attrici spjega li dak mitlub fl-avviz kien jirreferi ghal bilanc ghadu dovut mis-socjeta konvenuta in rigward "avvizi" f'gazzetti stampati u publikati minn dik attrici u kompla biex jghid illi bejn l-1992 u l-1994 '….. l-avvizi baqghu ghaddejjin u ma sar l-ebda pagament. Dwar dan, l-istess xhud irrefera ghal 'statement' a fol 15 tal-atti minn fejn jirrisulta li l-fatturi relattivi ghall-ammont pretiz jibdew mill-31 ta' Ottubru 1992 sal-11 ta' Novembru 1994 (ara ukoll fol 25 sa fol 27 ibid).
b) In atti (fol 20 sa fol 21) tinsab esebita vera kopja ta' ittra ufficjali in konnessjoni mal-istess ammont pretiz, liema att gudizzjarju gie presentat fl-4 ta' Marzu 1999 u notifikat fit-3 ta' Mejju 1999.

c) Avukat Dr Anton Micallef (fol 30 et seq ibid) semma' li kien ilu direttur tas-socjeta konvenuta mill-1994 sad-data ta' meta xehed, fl-14 ta' Jannar 2004. Dan spjega li fuq it-talba in esami '… ma naf xejn fuqha'.
d) Kopja informi tal-'memorandum and articles of association' tas-socjeta attrici esebita sabiex '… jindika li s-socjeta' attrici tezercita l-arti mekkanika' ta' stampar ta' gazzetti u materjal analogu.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 2148(a) jispecifika li l-azzjoni ta' '……other persons excercising any trade or mechanical art for the price of their work or labourer or the materials supplies by them' hi preskritta bit-trapass ta' tmintax-il xahar. Dwar dan, il-Qorti ma tistax tara kif il-kaz in esami jista' jinkwadra ruhu taht l-artikolu 2148(a) anke jekk ghall-grazzja tal-argument, dan l-artikolu kif ukoll l-ohrajn li jirregolaw l-istitut tal-preskrizzjoni jistghu jinghataw interpretazzjoni 'per analogic' jew estensiva u ampja.

Illi, ghalhekk, din l-eccezzjoni kif proposta ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li s-smiegh tal-kaz, jitkompla u jigi deciz wara li tigi konsiderata l-ewwel eccezzjoni.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------